MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 128/2005

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Powermix Concrete Limited - C18673**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' seba' mija u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm780.33c) in kwantu ghall-ammont seba' mija w erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm774.25c) ma' servizz tat-telefon bin-numru 688947 u in kwantu ghall-ammont sitt liri Maltin u tmien centezmi (Lm6.08c) ma' servizz tat-telefon bin-numru 640397 liema servizz gie nstallat fil-fond 'Ta' Bur it-Twil', Triq Valletta, Mqabba skond diversi kontijiet mibghuta lilha.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------